# TALBA TAL-FIDILI

# **TNEJN TAT-23 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA**

*Ċel:* Ma hemmx dnub li jnikket il-qalb ta' Alla aktar minn dak tal-ebusija tal-qalb quddiem il-verità u l-ħniena li juri Kristu mal-bniedem fil-miżerja tiegħu. Nitolbu biex aħna jkollna qalb mimlija ħniena u ħlewwa biex inħallu lill-Mulej ifejjaqna min-nuqqas ta' fidi tagħna:
R/. *Agħtina qalb li tħenn, Mulej.*

1. Biex il-liġijiet tal-Knisja li huma meħtieġa għaliha bħala istituzzjoni ma jieħdux preċedenza fuq il-ħniena u l-maħfra li l-istess Knisja hi msejħa biex turi fuq l-eżempju ta' Kristu, nitolbu. R/.

2. Biex dawk li huma responsabbli li jiggvernaw u joħorġu liġijiet iħarsu l-valuri tar-rispett lejn id-dinjità tal-ġisem maħluq fuq ix-xbieha ta' Alla, nitolbu. R/.

3. Biex jiġi evitat kull sfruttament ta' persuni vulnerabbli għal skopijiet ta' prostituzzjoni u pornografija, u tiġi promossa edukazzjoni għall-ħarsien tal-ġenerazzjonijiet ġodda minn mentalità permissiva fil-kamp sesswali, nitolbu. R/.

4. Biex l-irġiel u n-nisa li qed jgħixu f'unjoni barra mill-kuntest taż-żwieġ ċivili jżommu bħala idejal ix-xewqa li jirregolarizzaw il-konvivenza tagħhom, l-aktar għall-ġid ta' wliedhom, nitolbu. R/.

5. Biex aħna niġġeddu fis-safa tal-qalb li biha nkunu nistgħu nilqgħu l-fejqan tal-ispirtu li jagħtina Ġesù meta nintelqu f'idejn il-ħniena tiegħu u ma niġġudikawx il-ħniena li hu juri mal-oħrajn, nitolbu. R/.

*Ċel:* O Alla Missier, int tħenn u tħoss għal uliedek u trid tfejjaqhom fir-ruħ u l-ġisem bil-kuntatt mal-umanità ta' Ibnek Ġesù. Rattbilna qalbna biex ma nħossuniex aħjar mill-oħrajn u biex ma nagħmlux ostakli għall-opra tal-ħniena u l-maħfra tiegħek. Bi Kristu Sidna. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

# TLIETA TAT-23 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* San Luqa jinsisti li Ġesù jirtira biex jitlob qabel mumenti importanti ta' deċiżjoni, bħal meta sejjaħ lill-appostli. Nitolbu biex aħna nitgħallmu l-valur tat-talb u biex niġru lejn Ġesù bħall-folol li ġew fil-wita ta' Ġenessaret, biex naqilgħu fejqan u maħfra:
R/. *Għallimna l-valur tat-talb, Mulej.*

1. Ġesù sejjaħ lejh lid-dixxipli u għażel minnhom l-appostli. Għall-Papa u l-isqfijiet, suċċessuri tal-appostli, biex jibqgħu fidili għas-sejħa ta' Kristu biex jimxu warajh, nitolbu. R/.

2. San Pawl jgħallem lill-Korintin biex ma jfittxux ġustizzja quddiem tribunali pagani u hekk ikunu ta' skandlu bil-firda ta' bejniethom. Għall-membri tas-soċjetà li fiha ngħixu biex iwarrabu l-piki u l-firdiet li jnisslu mibegħda u nuqqas ta' paċi, nitolbu. R/.

3. Ġesù għadda l-lejl jitlob lill-Missier qabel għażel lit-tnax. Għar-reliġjużi li ikkonsagraw ħajjithom fil-kontemplazzjoni u l-ħemda tal-monasteri, biex jitolbu għad-dinja lejl u nhar u jkunu għalliema ta' talb, nitolbu. R/.

4. Huma esklużi mis-saltna ta' Alla dawk li jibqgħu jgħixu fil-vizzji karnali minkejja li jilqgħu l-fidi. Għal dawk l-insara li bl-imġieba ta' ħajja doppja huma ta' tfixkil, biex jifhmu l-bżonn li jikkonvertu, nitolbu. R/.

5. Aħna ġejna maħsulin u mnaddfin mid-dnub fil-magħmudija tagħna. Għinna, Mulej, biex nibqgħu sħaħ fl-impenn ta' fedeltà lejn id-don tal-ġustifikazzjoni fl-Ispirtu permezz tad-demm ta' Kristu, nitolbu. R/.

*Ċel:* Missier qaddis, int ma tiflaħx tħares lejn il-ħażen imma ridt li Ibnek Ġesù jiġi biex inaddaf il-ħmieġ li jtappan il-ħarsa safja tagħna fik. Għinna nilqgħu d-don tal-fejqan li Hu ġie biex jagħtina, biex immissu l-umanità qaddisa tiegħu, għax minnu toħroġ qawwa li tfejjaq lil kulħadd. Bi Kristu Sidna. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## ERBGĦA TAT-23 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* L-evanġelista Luqa jippreżenta lil Ġesù li jħabbar il-beatitudni tas-saltna fil-pjanura li fiha jilqa' l-folol li jiġu jisimgħuh. Induru lejn Ġesù bil-qalb ta' fqjarin u ngħidulu:
R/. *Daħħalna fil-ferħ tal-fqjarin tiegħek, Mulej*.

1. Ħenjin intom il-foqra. Biex il-Knisja tiegħek tkun tassew viċin il-foqra u l-imsejknin tad-dinja, nitolbu. R/.

2. Ħenjin intom li għalissa bil-ġuħ. Biex il-pajjiżi għonja jipprovdu għajnuna ħalli jtaffu l-ġuħ fid-dinja u kull bniedem ikollu aċċess għal ilma safi u meħtieġ għall-ħajja, nitolbu. R/.

3. Ħenjin intom li għalissa tibku. Biex il-Mulej inissel il-faraġ fil-qlub ta' dawk li jbatu moħqrija u inġustizzja u jġiegħel li tintraddilhom id-dinjità tagħhom, nitolbu. R/.

4. Ħenjin intom meta l-bnedmin jobogħdukom minħabba Bin il-bniedem. Biex il-Mulej iqawwi x-xhieda ta' dawk li jsofru persekuzzjoni minħabba l-fidi tagħhom, nitolbu. R/.

5. Ifirħu u thennew għax ħlaskom kbir fis-smewwiet. Biex nitgħallmu nibnu r-relazzjonijiet umani u nużaw il-ġid tal-art bi spirtu ta' distakk, għax nafu li għad tgħaddi x-xena ta' din id-dinja, nitolbu. R/.

*Ċel:* Agħtina, Mulej, il-ferħ tal-Ispirtu li inti tnissel fil-qalb tal-foqra u l-imsejknin li jiġru warajk. Ħarisna mir-regħba u l-kburija li jbiegħduna mill-veru ġid tas-saltna tiegħek li inti rfajt għal min hu umli. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## ĦAMIS TAT-23 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Alla hu Missier li jħenn u jaħfer. Ġesù juri l-wiċċ kollu ħniena tal-Missier u jistedinna biex aħna wkoll nuru ħniena ma' ħutna kif Alla juri ħniena magħna, biex inħobbu lill-għedewwa tagħna u biex inpattu d-deni li nirċievu bil-ġid. Quddiem din l-isfida iebsa nitolbu u ngħidu:
R/. *Mulej, agħtina qalb li tħenn u taħfer.*

1. Ħennu bħalma hu ħanin Missierkom. Għin lill-Knisja tiegħek biex turi ħniena u mogħdrija mal-midinbin u għin lis-saċerdoti biex fis-sagrament tal-maħfra jkunu strumenti ta' ħniena u mhux ta' ġudizzju, nitolbu. R/.

2. L-għerf skond id-dinja jġib il-kburija, imma l-imħabba tibni. Xejjen il-fehmiet ta' min irid jisfrutta lill-oħrajn bil-qawwa politika jew ekonomika, u għin lill-gvernijiet jibnu soċjetà fuq valuri awtentiċi u mhux biss fuq il-progress materjali, nitolbu. R/.

3. Tiġġudikawx, u ma tkunux iġġudikati. Warrab mill-insara t-tentazzjoni li jiġġudikaw lil min jarawh jgħix barra mir-regoli ġenerali ta' mġieba, biex hekk jagħrfu li huma għandhom ikunu strumenti ta' ħniena, nitolbu. R/.

4. Tikkundannawx, u ma tkunux ikkundannati. Agħti kuraġġ u tama lil min qed jiskonta piena minħabba kriminalità, biex ikun jista' jibda mill-ġdid jgħix ta' ċittadin onest u s-soċjetà ma tibqax tikkundannah, nitolbu. R/.

5. Agħtu u jingħatalkom. Agħtina qalb ġeneruża u miftuħa wkoll biex taħfer lil dawk li jobogħduna u jagħmlulna d-deni, nitolbu. R/.

*Ċel:* Missier qaddis, Ibnek Ġesù ħallielna r-regola tad-deheb tal-imġieba nisranija: "Dak li tridu li l-bnedmin jagħmlu lilkom, agħmluh ukoll intom lilkom." Nissel fi qlubna sentimenti ta' ħniena u maħfra, ta' ġenerożità u rispett lejn il-kuxjenza ta' ħutna, biex waqt li ma niġġudikaw lil ħadd neħilsu mill-ġudizzju ta' kundanna li jistħoqqilna minħabba dnubietna. Bi Kristu Sidna. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

# ĠIMGĦA TAT-23 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Induru lejn il-Missier li bagħat lil Ġesù biex jurina kif nistgħu niksbu ħniena u maħfra billi nimxu fid-dawl tal-kelma tiegħu. Nitolbu biex inwarrbu minna l-ipokrisija li biha naħsbu li aħna aħjar mill-oħrajn, u ngħidu:
R/. *Għinna naraw lil ħutna bil-ħarsa tiegħek, Mulej.*

1. Għall-mexxejja tal-Knisja, biex jgħixu b'impenn id-dmir li jxandru l-Evanġelju mingħajr rikompensa, ħlief dik li joffru ħajjithom għas-salvazzjoni ta' ħuthom, nitolbu. R/.

2. Għall-isportivi, biex jikkultivaw il-kultura tal-isport b'mod onest u ġust, jevitaw kull tentazzjoni ta' korruzzjoni, u jagħtu l-ewwel post għat-taħriġ tal-ispirtu fuq kull eżerċizzju fiżiku meħtieġ, nitolbu. R/.

3. Għat-tfal u ż-żgħażagħ tagħna, biex filwaqt li jistudjaw biex iġibu l-kwalifiki għall-professjoni li jixtiequ jħaddnu, ma jiġux sfruttati b'sistemi edukattivi mibnija biss fuq il-kompetizzjoni bla ebda rispett għall-valuri umani ta' kollaborazzjoni fil-qasam edukattiv, nitolbu. R/.

4. Għal ħutna li tilfu d-dawl materjali, biex jgħixu ħajja attiva bla tfixkil, u biex inwarrbu mis-soċjetà l-għama spiritwali li fih jiddallmu l-valuri umani u spiritwali, nitolbu. R/.

5. Għalina biex nevitaw l-ipokrisija u nifhmu eżattament kemm niswew quddiem Alla, biex inħarsu lejn ħutna bl-istess imħabba u ħniena li bihom irridu li Alla jħares lejna, nitolbu. R/.

*Ċel:* O Alla, inti bgħattilna lil Ibnek Ġesù bħala l-Kelma li ddawwalna fil-verità tiegħek. Ikkonsagrana fl-istess verità li għad tagħmel ħaqq minna meta nidhru quddiemek, biex induqu minn issa l-esperjenza tal-ħniena li inti ssawwab fuq il-ġusti u l-midinbin. Bi Kristu Sidna. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

# **SIBT TAT-23 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA**

*Ċel:* L-għaqal li tibni id-dar spiritwali tiegħek fuq il-blat ifissier li inti tfassal ħajtek fuq il-Kelma ta' Kristu, li biha ssir bħal siġra li tagħti l-frott fi żmiena. Nitolbu biex inkunu għaqlin fl-għaqda tagħna mal-blata soda li hu Kristu:
R/. *Mulej, għinna nibnu ħajjitna fuqek.*

1. Għas-saċerdoti li jqassmu l-ħobż u l-kalċi tal-barka fl-Ewkaristija, biex ħajjithom tkun taqbel mas-sagrifiċċju li jiċċelebraw bil-fidi, nitolbu. R/.

2. Għal min jgħix fl-idolatrija tas-superstizzjoni u tal-okkult, għal kull min hu vittma tal-idolatrija tad-droga, tal-pornografija, tal-qliegħ diżonest, biex jifhem li ma jistax iħallat il-mejda tal-Mulej mal-mejda tad-demonji, nitolbu. R/.

3. Għal kull min jaħdem biex joħroġ it-tajjeb fis-soċjetà, biex jara l-frott tal-impenn tiegħu fil-barka li jxerred fuq ħutu bl-imġieba qaddisa tiegħu, nitolbu. R/.

4. Għall-imprendituri fil-kamp tal-bini, biex juru rispett lejn id-dritt taċ-ċittadini u r-residenti fuq kull interessi ta' spekulazzjoni għal skop ta' profitt, nitolbu. R/.

5. Għalina li naqsmu flimkien minn ħobża waħda u minn kalċi wieħed, biex l-Ewkaristija tkun sinjal ta' impenn favur Kristu biex nagħmlu frott bl-għemejjel tajba tagħna, nitolbu. R/.

*Ċel:* O Alla, inti ridt tibni l-Knisja fuq il-blata soda li hu Kristu. Agħtina li nilqgħu bil-qalb il-kelma tiegħu u nfasslu ħajjitna fuqu, biex neħislu mit-tiġrif spiritwali u nagħmlu frott kotran favur ħutna. Bi Kristu Sidna. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## L-ERBGĦA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA (Ċ)

*Ċel:* Ġesù Kristu ġie fid-dinja biex isalva l-midinbin. B'dawn il-kliem mill-ewwel Ittra ta' San Pawl lil Timotju, li l-Knisja qratilna f'dan il-Ħadd, ejjew nersqu bil-fiduċja lejn Kristu li ġie jsalva n-nagħġa l-mitlufa u li wriena l-wiċċ ħanin tal-Missier li dejjem ħafer id-dnubiet tal-poplu tiegħu:
R/. *Erfagħna fuq spallejk, Mulej.*

1. Għin lir-ragħajja tal-Knisja biex juru ħniena mal-midinbin li jitbiegħdu mill-merħla tiegħek, u jreġġgħuhom lura lejn il-komunità bil-ħlewwa u l-eżempju ta' ħajja qaddisa tagħhom, nitolbu. R/.

2. Uri ħniena ma' dawk il-persuni li jagħmlu l-ħażen u jippersegwitaw il-Knisja tiegħek ħtija tal-injuranza tal-verità, u wassalhom biex jagħmlu huma wkoll esperjenza tal-ħniena tiegħek, nitolbu. R/.

3. Ieqaf mal-ġenituri anzjani li uliedhom abbandunawhom u mal-ġenituri li uliedhom jonqsuhom mill-imħabba, rispett u rikonoxxenza għall-ġid kollu li rċevew mingħandhom, nitolbu. R/.

4. Ħabbeb flimkien lil dawk il-familji li jinsabu miġġeldin jew mifrudin minħabba kwestjonijiet ta' wirt jew infedeltà, u uriehom l-importanza tal-paċi tal-qalb u tar-rikonċiljazzjoni, nitolbu. R/.

5. Agħtina l-grazzja li nersqu bil-fidi lejn is-sagrament tal-maħfra, biex inti terfagħna fuq spallejk u treġġagħna lura fi ħdanek, nitolbu. R/.

*Ċel:* O Alla, għat-talba tal-qaddej tiegħek Mosè inti ma abbandunajtx lill-poplu tiegħek li baqa' qalbu iebsa u ċaħad l-imħabba tiegħek. Agħti lill-Knisja tiegħek li, għall-merti ta' Ibnek Ġesù li dejjem jidħol għalina, issir il-komunità li tifraħ u tagħmel festa għal kull midneb li jikkonverti. Bi Kristu Sidna. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

# 8 ta’ Settembru
# FESTA TAT-TWELID
# TAL-VERĠNI MQADDSA MARIJA

*Ċel:* Induru lejn Alla li għażel lill-Verġni Marija biex minnha jitwieled Kristu Ibnu, ix-xemx tal-ġustizzja, u nitolbuh biex it-twelid tagħha jimla lid-dinja bil-ferħ tal-istennija tas-salvazzjoni:
R/. *Tidħol għalina quddiemek Marija Omm Ibnek.*

1. Int li għażilt lil Marija biex tkun meħlusa minn kull tebgħa ta’ dnub, qaddes lill-Knisja tiegħek bil-grazzja tal-fidwa li tajtha, nitolbu. R/.

2. Int li ridt li Marija titnissel minn ħdan il-poplu tal-wegħdiet messjaniċi, wassal lill-poplu Lhudi għall-milja tas-salvazzjoni li int wegħidt lil nisel Abraham u David, nitolbu. R/.

3. Int li ftaħt żminijiet ġodda ta’ salvazzjoni bit-twelid tal-Verġni Marija, bl-interċessjoni tagħha agħti lill-morda s-saħħa u l-faraġ u l-maħfra lill-midinbin, nitolbu. R/.

4. Int li ħlist lil missirijietna bl-interċessjoni ta’ Marija, ħares il-wirt Kristjan ta’ pajjiżna kontra t-theddid ta’ fundamentaliżmi reliġjużi u tas-sekulariżmu bla Alla, nitolbu. R/.

5. Int li imlejt lil Marija bil-milja tal-grazzji, żommna taħt il-ħarsien matern tagħha biex tkun għalina l-kewkba tal-baħar fil-vjaġġ tagħna lejn is-sema pajjiżna, nitolbu. R/.

*Ċel:* O Alla ta’ missirijietna, int qaddist lill-Verġni Marija biex tkun Omm Ġesù u tiftaħ iż-żminijiet tas-salvazzjoni, dawwalna bid-dija ta’ qdusitha biex bħalha nilqgħu l-miġja tax-xemx tal-ġustizzja li ġie jżurna mill-għoli, Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li jgħix u jsaltan għal dejjem ta’ dejjem. R/. Amen.